

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

SEJĦA GĦALL-OFFERTI – EACEA/24/11

MEDIA 2007 – Żvilupp, distribuzzjoni, promozzjoni u taħriġ

iżi Audiovisual

(2011/C 321/08)

1. Għanijiet u Deskrizzjoni

Dan l-avviż ta' seħja għall-offerti huwa bbażat fuq id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ lis-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007).

Fost il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni hemm l-iżvilupp ta' proġetti ta' produzzjoni.

L-appoġġ għandu l-għan li jiffaċilita l-aċċess tal-kumpaniji ta' produzzjoni Ewropej għall-finanzjamenti allokat li l-istituzzjonijiet kreditu u finanzjarji, billi jikkofinanzja parti mill-ispejjeż tal-punti li ġejjin:

- Assigurazzjoni għall-produzzjonijiet awdjoviżivi: Modulu 1 – Appoġġ għall-partita “assigurazzjoni” mniżżel f'baġit ta' produzzjoni;
- Garanzija ta' tlestija għall-produzzjoni ta' xogħol awdjoviżiv: Modulu 2: Appoġġ għall-partita “garanzija ta' tlestija” mniżżel f'baġit ta' produzzjoni;
- Finanzjament tal-kreditu għall-produzzjoni ta' xogħol awdjoviżiv: Modulu 3: Appoġġ għall-partita “spejjeż finanzjarji” mniżżel f'baġit ta' produzzjoni.

2. Kandidati eliġibbli

Dan l-avviż huwa indirizzat lill-kumpaniji Ewropej li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu sabiex jintlaħqu l-għanijiet msemmijin hawn fuq, b'mod partikolari lill-kumpaniji ta' produzzjoni awdjoviżivi indipendenti.

Il-kandidati għandhom ikunu stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin:

- is-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea,
- il-pajjiżi tal- fiż-ŻEE
- l-Iżvizzera u l-Kroazja.

3. Azzjonijiet eliġibbli

Ix-xogħol awdjoviżiv propost:

- għandu jkun drama, animazzjoni jew dokumentarju kreattiv il-maġġoranza prodotta minn kumpaniji stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li jkunu qegħdin jipparteċipaw fil-Programm MEDIA.

- għandu jkun prodott b'parteċipazzjoni sinifikanti ta' professjonisti li ġejjin minn Stati parteċipanti fil-Programm MEDIA, jew li għandhom ir-residenza tagħhom hemm.

It-tul massimu għall-proġetti huwa 30 xahar.

Din is-seħja għall-offerti tikkonċerna esklussivament il-proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Lulju 2011 u s-6 ta' Ġunju 2012.

4. Kriterji ta' għoti

Il-kandidati/proġetti eliġibbli ser ikunu evalwati skont il-kriterji li ġejjin:

1. Proġetti li jibbenfikkaw minn appoġġ MEDIA għall-iżvilupp ta' proġetti individwali għall-pajjiżi l-kbar u/jew ta' katalgi ta' proġetti għall-pajjiżi li għandhom kapaċità awdjoviżiva żgħira: 25 punt.
2. Proġetti li jibbenfikkaw minn kreditu ta' finanzjament bankarju: massimi 25 punt.
 - 2.1. Ftehim ta' kreditu: 20 punt.
 - 2.2. Maħruġ minn istituzzjoni ta' kreditu tal-UE jew istituzzjoni finanzjarja ibbażata f'pajjiż differenti minn dak tal-kumpanija ta' produzzjoni li qed tapplika: 5 punti.
3. Proġetti li ġejjin minn pajjiż li għandu kapaċità awdjoviżiva żgħira: 25 punt.
4. Proġetti mill-Istati Membri li dahl fuq fl-UE fl-2004 jew aktar tard (il-Bulgarija, Repubblika Ċeka, Estonja, Ungerija, Latvja, Litwanja, Malta, Polonja, Rumanija, Slovakkja, Slovenja) u l-Kroazja: 15-il punt.
5. Proġetti li għandhom dimensjoni Ewropea: koproduzzjoni li tkopri aktar minn pajjiż wieħed li jkun qed jipparteċipa fil-Programm MEDIA: 10 massimi punti.
 - 5.1. Ftehim ta' ko-produzzjoni: 5 punti.
 - 5.2. Ko-produttur/i mill-Istati Membri li dahl fuq fl-UE fl-2004 jew aktar tard u l-Kroazja: 2 punti għal kull ko-produttur.
 - 5.3. Ko-produttur(i) minn pajjiż b'kapaċità awdjoviżiva għolja/b'kapaċità awdjoviżiva baxxa: Punt 1 għal kull ko-produttur.
 - 5.4. Ko-produttur(i) minn pajjiżi li ma jipparteċipawx fil-Programm MEDIA: 0,5 punti għal kull ko-produttur.

Fi ħdan il-limitu tal-baġit disponibbli, il-proġetti li jkollhom l-aktar punti fuq il-bażi tal-kriterji hawn fuq jieħdu kontribuzzjoni finanzjarja.

Fil-każ li, wara l-proċess indikat hawn fuq, bosta proġetti jkollhom l-istess punti, jiġi investigat il-kriterju li jmiss għal dawn il-proġetti biss:

Potenzjal ta' distribuzzjoni internazzjonali: massimu 10 punti.

— Koperti minn ftehim ta' distribuzzjoni ġeografika dinjija: massimimu ta' 10 punti.

— Distribuzzjoni ġeografika mhux nazzjonali koperta minn ftehim: 5 punti.

Proġetti bi ftehim ta' distribuzzjoni dinjija se jirċievu massimu ta' 10 punti.

5. Baġit

Il-baġit totali stmat allokati għall-kofinanzjament ta' proġetti huwa ta' EUR 3 miljun. Il-kontribuzzjoni finanzjarja ma għandhiex taqbeż 50 %-60 % tal-ispejjeż eliġibbli. L-ammont tal-appoġġ huwa bejn EUR 5 000 u 50 000. L-ammont tal-appoġġ ma jistax jaqbeż il-limitu massimu ta' EUR 50 000 għal kull proġett.

6. Data ta' għeluq għall-preżentazzjoni

Id-dati ta' għeluq biex jintbagħtu l-applikazzjonijiet huma

— **Jannar 06, 2012** għall-proġetti b'data l-aktar kmieni għall-bidu tal-proġett minn Lulju 1, 2011

— **Ġunju 06, 2012** għall-proġetti b'data l-aktar kmieni għall-bidu tal-proġett minn Diċembru 1, 2011.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu fl-indirizz li ġej:

Education Audiovisual and Culture Executive Agency (EACEA)
Call for Proposals EACEA/24/11
Mr Constantin DASKALAKIS
BOUR 3/30
Avenue du Bourget/Bourgetlaan 1
1140 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

L-applikazzjonijiet ippreżentati fuq il-formola adegwata, mimlijin kif xieraq, datati u ffirmati mill-persuna bis-setgħa li tirrappreżenta legalment il-korp li qiegħed jagħmel it-talba biss jistgħu jiġu aċċettati.

L-applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-faks jew bil-posta elettronika ma jiġux aċċettati.

7. Tagħrif sħiħ

Il-linji gwida ddettalja tas-sejħa għall-offerti, kif ukoll il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinkisbu minn

<http://ec.europa.eu/media>

Huwa obbligatorju li l-applikazzjonijiet jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tat-test sħiħ u jintbagħtu fuq il-formola pprovduta u jkollhom l-Annessi u l-informazzjoni kollha mitluba.
